MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1223/1997/1

Joseph Tabone
vs
AirMalta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 u snin segwenti huwa sofra ingustizzja f'li nghata trattament ingust u vendikattiv mill-management tal-kumpanija intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien ilu jahdem mas-socjeta` intimata mill-1978 u fil-prezent ghandu l-grad ta' ufficjal. Illi huwa kien l-ewwel u l-uniku wiehed li kien responsabbli biex jorganizza s-sezzjoni tal-Purchasing & Supplies Section sal-1992 sakemm gie trasferit bhala Assistant Manager.

Illi wara t-trasferiment tar-rikorrent gew mahtura haddiema ohra biex huwa ma jibqa' aktar responsabbli minn din is-sezzjoni.

Illi r-rikorrent kien inghata struzzjonijiet mis-Sur Frans Camilleri, Group Head Administration Department biex imur jahdem fil-Heliport f'Ghawdex u dan minkejja l-fatt li r-rikorrent joqghod iz-Zejtun u ghalhekk ried kuljum imur Ghawdex jew bil-Helicopter jew bil-vapur.

Illi dan it-trasferiment huwa manifestament ingust, l-iktar minhabba l-fatt illi r-rikorrent kien qal lill-management biex ma jibaghtuhx Ghawdex ghax dan kien ser jiswilu skarigg u spejjez kbar u wkoll li huwa ghandu familja u jrid bilfors jigi kulljum lura Malta.

Illi dan it-trasferiment jidher aktar ingust u vendikattiv meta wiehed iqis illi r-rikorrent dejjem zvolga x-xoghol tieghu bl-akbar abilita`, efficjenza u lealta` u bi kliem ta' tifhir kemm mis-superjuri tieghu kif ukoll minn Dipartimenti ohra.

Illi wara gurnata f'dan ix-xoghol, ir-rikorrent talab lill-Management tas-socjeta` intimata biex tirtira t-transfer, illi meta r-rikorrent induna li dan ma kienx ser isir ma kellux alternattiva ohra hlief li jitlob l-assistenza tal-General Workers Union.

Illi r-rikorrent ircieva ittra mill-management li ghandu jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ghax ma kienx accetta l-ordni biex imur Ghawdex.  Illi r-rikorrent kellem lis-Sur DeGiovanni, Personnel Manager kif ukoll lill-General Workers Union dwar din l-ittra

Illi l-management tal-kumpanija intimata ma tatx widen ghat-talbiet tal- General Workers Union u baqghet tinsisti li r-rikorrent ghandu jmur jahdem gewwa Ghawdex.

Illi l-General Workers Union tat direttiva lir-rikorrent biex hu jmur lura jahdem fis-sezzjoni fejn kif kien qabel ma gie ttrasferit. Illi huwa obda d-direttiva tal-General Workers Union.

Illi ghalkemm r-rikorrent baqa' jahdem f'dik is-sezzjoni, d-doveri tieghu ma baqghux l-istess. Illi hu ma baqax responsabbli mit-tmexxija tas-sezzjoni kif kien qabel izda ntbaghat f'kamra wahda jiccekkja l-istocks, u dan sa Marzu 1997.

Illi r-rikorrent hass illi saret ingustizzja gravi mieghu ghax huwa qatt ma kellu ghalfejn jinghata t-trasferiment aktar u aktar, trasferiment ghal Ghawdex. Illi minhabba dan it-trasferiment ingust u tat-trattament inuman tal-Management ta' l-AirMalta huwa l-familja tieghu batew danni ta' natura materjali kif ukoll fizika u morali.

Illi huwa hass illi saret ingustizzja vendikattiva mieghu wkoll minhabba l-fatt li hu qatt ma nghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Assistant Manager u dan ghaliex fis-sezzjoni kien tpogga xi hadd iehor minfloku u ingustizzja ulterjuri illi huwa gie mnehhi mid-doveri abitudinali tieghu wara li rega' mar lura fis-sezzjoni tas-Supplies & Purchasing.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-grad ta' Assistant Manager kif ukoll jekk huwa possibli, jinghata kumpens tal-flus kollha li tilef meta nbidlulu d-doveri tieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' l-ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-AirMalta Company Limited li eccepiet:

1) Illi l-Purchasing and Supplies Section ma kenitx giet sistemata mir-rikorrenti biss, kif qed jallega, izda aktar minn ohrajn.

2) Ir-rikorrent kien inghaqad mas-socjeta` intimata fil-1978 bhala "trainee" u kien jirraporta direttament lil Alfred Saliba.

3) Ir-rikorrent kien jiehu hsieb il-clearance tas-shipping u dwana u mhux il-purchasing u supplies kif allega. Difatti l-purchasing kien jiehu hsiebhom Alfred Saliba filwaqt is-supplies kienu f'idejn terzi flimkien mar-rikorrent.

4) Illi kien wara diversi lmenti li kellu l-intimat li s-sistema tax-Shipping kienet inefficjenti li giet mahluqa sezzjoni tax-shipping li ghaliha gie maghzul min kellu l-aktar esperjenza f'dan il-qasam u min kien l-aktar familjari mal-htigijiet tax-shipping fid-dipartiment tal-enginerija li jiggenera disghin fil-mija (90%) tax-xoghol tax-shipping.

5) Illi wara reorganisation fil-1994 Alfred Saliba baqa' responsabbli ghall-Purchasing filwaqt li Frank Borg gie maghzul biex ikun responsabbli bhala Assistant Manager Stores u li qabel kien jokkupa l-post ta' Assistant Manager Inflight Stores u li kellu esperjenza vasta f'dan il-qasam.

6) Illi kien fi Frar 1996 li r-rikorrent beda jirraporta direttament lill-Assistant Manager Stores b'responsabilitajiet u doveri specjali.

7) Illi kien hemm hafna ilmenti dwar ix-xoghol tieghu fosthom hafna xoghol b'lura u li jidhol tard ghax-xoghol tant li f'sitt xhur qabel Novembru 1995 hu kien dahal tard ghax-xoghol tlieta u erbghin darba.

8) Illi f'Gunju 1995 ir-rikorrent ma kienx qabel mal-assessment li nghata fl-iStaff Confidential Report u fil-1993 huwa nghata xoghol biex jiehu hsieb il-Heliport ta' Ghawdex.

9) Illi r-rikorrent intbaghat Ghawdex mhux biex issir diskriminazzjoni kontra tieghu kif allega izda biex jitharreg fil-marketing u operations.

10) Illi r-rikorrent ghamel gurnata wahda jahdem Ghawdex, it-trasport kien provdut lilu b'xejn permezz tal-helicopter, qatt ma kien in charge ta' l-iStores Section u ma kienx l-uniku wiehed li kien jahdem f'kamra ghalih.

11) Illi r-rikorrent kien irrifjuta li jaqleb fuq is-sistema ta' Computers bir-rizultat li x-xoghol tieghu fl-istores section baqa' lura.

Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu hlief b' referenza ghat-tielet paragrafu flok il-kliem "bhal Assistant Manager" kellu jinghad "bl-istess grad." Zied li meta mar fil-"Purchasing Section", ghall-bidu, hu ma kienx imexxi s-sezzjoni, izda kien hemm il-Manager, Henry Wirth, hu u Ilario Zammit kif ukoll, segretarju li kien jigi taht il-Manager. Hu kkjarifika dan, bhala korrezzjoni ghal dak li qal fir-rikors.

In kontro-ezami qal li hu kien ha hsieb jorganizza kollox fis-sezzjoni peress li ma kien hemm xejn u kien responsabbli minn shipping u minn customs clearance tas-sezzjoni ta' oggetti importati. Izda qal li responsabbli esklussivament mill-purchasing kien is-Sur Saliba. Semma li l-ewwel, hu kien tqieghed fis-sezzjoni tal-purchasing u ghall-habta tal-1990 kien gie inkarigat mix-

shipping. Qal ukoll li kemm kien ilu responsabbli mill-istores ghall-habta tal-1992, kien hemm xi lmenti peress li r-returns ma kienux qed isiru fil-hin. Qal li r-raguni ta' dan izda kienet li hu kien qed jaghmel ix-xoghol wahdu. Qal li s-Sur Frans Camilleri, il-Group Head Administration, kien talbu biex imexxi l-Heliport f'Ghawdex bl-istess grad. Semma li hu fil-fatt, kien mar gurnata biss fil-Heliport f'Ghawdex u kien qal li kien hemm Ghawdxin li setghu jiehdu din il-kariga huma u peress li hu kien miz-Zejtun u ma gie offrut xejn bhala extra u baqa' fl-istess grad. Ghawdex kellu jmur a spejjez tas-socjeta` intimata izda jekk ikun hemm xi maltempata kien ikollu jmur bil-karozza tieghu.

Qal ukoll li hass li saret ingustizzja mieghu, peress li hu kien fil-grad ta' officer u l-ewwel wiehed fis-sezzjoni u ghal tlett darbiet kienu gabulu persuni fi grad ta' Asst. Manager biex jehdulu x-xoghol tieghu. Dawn kienu s-Sur Fleri Soler, is-Sur David Gerada u s-Sur Frank Borg. Semma li ghamel zmien anke jsofri minn dipressjoni hafifa. Hu lmenta wkoll mid-differenza fil-paga, peress li dejjem ha paga ghall-grad ta' Officer minkejja li kien ghamel xoghol li kien oghla minn dan il-grad. Qal li kien qed jirrifjuta li jmur Ghawdex, u kien gie kostitwit bord mill-kumpanija, u hu kellu jidher quddiemu, u fil-fatt ma kienx deher, u safejn jaf hu, il-Bord tad-Dixxiplina qatt ma ddecieda xejn fil-konfront tieghu. Qal li jaf li kien xi drabi tard ghax-xoghol b'xi hames minuti, izda semma li permezz tal-ftehim kollettiv, kellhom "grace" ta' hames minuti biex tkun tard.

Xehed Tony Zarb li qal jaf lir-rikorrent bhala membru kif ukoll bhala attivista tal-Union. Qal li r-rikorrent ilmenta mieghu fir-rigward ta' promozzjoni, u kien hemm anke korrispondenza min-naha tal-Union u l-kumpanija Airmalta. Semma li l-kumpanija kienet baghtet lir-rikorrent biex jaghmel xi xoghol fil-Heliport f'Ghawdex, li kien jirrikjedi li kuljum jitla' Ghawdex. Qal li min-naha tal-Union, kienu qalulu biex ma jaghmilx dan ix-xoghol f'Ghawdex, anke peress li hu kien min-nofsinhar ta' Malta, ghalhekk kellu iktar boghod, propju minhabba li r-referenza tal-Union lill-kumpanija kienet biex mhux jinghata iktar 'hardship' izda biex jinghata promozzjoni.

Xehed France Camilleri Corporate Grouphead Strategic Planning, li qal li fl-1992 kien responsabbli ghall-amministrazzjoni, u qal li x-xoghol tar-rikorrent kien li jiehu hsieb il-provvisti li kienet tixtri l-kumpanija. Qal li minhabba l-kwistjoni li kien hemm tas-'centralised stores', ix-xoghol li kellu r-rikorrent kien qed jonqos, u kien kellmu u qallu biex jara opportunitajiet ohra fil-kumpanija stess. Semma li fil-fatt, hu kien offra lir-rikorrent biex jibda jaghmel xoghol fil-Heliport Ghawdex. Spjega li x-xoghol f'Ghawdex, kien jinkludi responsabbilta` mill-marketing, mis-sales u kif ukoll mill-operations, u qal li dan ix-xoghol ma kienx ta' downgrading ghar-rikorrent. Qal li jiftakar li r-rikorrent tela' darba, u wara kien ircieva struzzjonijiet minghand il-Union biex ma jitlax iktar. Fir-rigward tal-performance tar-rikorrent fuq ix-xoghol, qal li din kienet meqjusa average, anzi kellu xi kummenti jew ilmenti kemm 'il darba wkoll, mis-sezzjoni tal-finanzi, fejn hu kellu jwiddbu verbalment.

In kontro-ezami, qal li Frank Borg kien Assistant Manager fl-in-flight stores, li kien jaqa' taht id-dipartiment tieghu. Qal ukoll li l-istruzzjoni biex ir-rikorrent imur Ghawdex giet min-naha tieghu, peress li dak iz-zmien kien inqala' l-bzonn immedjat li fid-dipartiment kien hemm din il-vakanza f'Ghawdex, u qal li d-diffikultajiet li semmewlu l-Union dwar dan il-kaz, kienu li r-rikorrent ried jitla' Ghawdex kuljum. Qal li jiftakar li mbaghad poggew lil xi hadd iehor Ghawdex minflok ir-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti u cioe` li ma hax il-promozzjoni kif ukoll li gie trasferit.

A] **Nuqqas ta' promozzjoni** ghar-rank ta' Assistant Manager. Ir-rikorrent jilmenta li hu ma nghatax il-grad ta' Assistant Manager izda baqa' fil-grad ta' ufficjal. Jilmenta wkoll li kull darba li kien jispicca ta' fuqu kienu jgibu persuna ohra fir-rank ta' Assistant Manager u b' hekk ghalqulu kull possibbilta` ta' avvanz. Izda r-rikorrent naqas f' kull stadju tal-proceduri kemm fir-rikors, kemm fl-affidavit, kif ukoll fil-bqija tal-proceduri li jindika

secifikament l-ingustizzja li saret f' xi ezercizzju tal-promozzjonijiet fejn hu ma nghatax tali kariga u li l-persuni li minnfloku lahqu kienu anqas kwalifikati minnu jew kellhom anzjanita` anqas minnu. L-uniku sostenn ta' provi li gab ir-rikorrent kien bazat fuq il-fatt li kull darba jingab Assistant Manager u b' hekk l-avvanz tieghu jigi mblukkat. Izda t-Tribunal ihoss li dan biss ma jistax jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 Artikolu 6 u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-kumpanija intimata dwar nuqqas ta' promozzjoni.

B] **Transfer tar-rikorrent**. Ir-rikorrent ilmenta wkoll mill-fatt li gie moghti trasferiment u senjatament li tali trasferiment kien li jkollu jmur jahdem Ghawdex aktar u aktar meta hu joqghod iz-Zejtun. Dan it-Tribunal ma ghandu ebda ezitazzjoni biex jghid li t-trasferiment ghal Ghawdex naturalment sakemm ma jkunx hemm ghoti ta' promozzjoni, jew allowance specifika ragjonevoli, jew tkun stipulata fil-bidu nett fil-kundizzjonijiet tax-xoghol ma tistax tigi kunsidrata wisq favorevolment. Infatti huwa ovvju li jekk dan it-trasferiment ma jkunx ghal zmien qasir dan sejjer jimporta sagrificcju tal-persuna li triq titlaq kif ukoll tirritorna ghax-xoghol ferm qabel jew wara l-hin normali milli tahdem post iehor. Huwa veru li s-socjeta` intimata kienet offriet li t-transfer ghal Ghawdex isir minnha stess bil-helicopter izda t-Tribunal xorta wahda jsib li kien hemm certu skarigg u jqis bhala fattur ukoll il-possibbilta` ta' maltemp f' xi granet.

Ghalkemm il-kumpanija semmiet li effettivament it-tip ta' xoghol kien qieghed jigi mibdul u n-necessita` li tappunta persuna ghal Ghawdex dawn l-ezigenzi tas-servizz ma kienux daqshekk cari. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan

is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta` titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Kien jinkombi fuq is-socjeta` intimata li tipprova b’ mod car fhiex kienu jikkonsistu dawn l-ezigenzi tas-servizz ghax fin-nuqqas it-Tribunal bil-fors li jkollu jqis li tali gustifikazzjoni ma tezistix. Huwa veru li r-rikorrent kull ma dam jahdem Ghawdex kien gurnata, izda dan kien in segwitu tal-intervent tal-General Workers’ Union li interveniet bil-qawwi biex tipprotegi d-drittijiet tar-rikorrent u li r-rikorrent ghadda zmien ta’ tensjoni sakemm il-pozizzjoni giet regolarizzata b’ mod li x-xoghol tieghu precedenti gie affettwat. Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss li tali trasferiment jikkostitwixxi ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 Artikolu 6 u filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata rigward transfer, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira Maltin [LM1000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------